KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 25

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

It-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke

ASSENTI

Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, sabiex jinfurmana li ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Hu żied jgħid kif Dott. Hili għandu problema jekk il-laqgħa ssir kull nhar ta' Tnejn minħabba li jkollu r-radju

25.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea, żiedet tgħid kif ftit minuti qabel ma bdiet il-laqgħa kellha telefonata mingħand is-Sindku ta' Birkirkara, s-Sa. Joanne Debono Grech, fejn infurmat li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa fl-aħħar ħin minħabba laqgħa oħra li kellha tinżamm b'urġenza.

25.1.3 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 24 li nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

25.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Muka, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci.

## 25.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Seminar – 'Clean Localities – Our Shared Responsibility'*

25.3.1 B'referenza għal dan is-seminar, il-President spjega kif l-għan ta' dan is-seminar deher li ntleħaq u kif l-unika sfortuna kienet li żewġ *stakeholders* importanti – *Community Police* u is-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu – ma kienux preżenti.

25.3.2 Is-Sur Chircop żied jgħid kif kien hemm rappreżentanza mill-MTA fl-udjenza u kif dan is-seminar instiga sabiex jiżdied id-djalogu bejn l-entitajiet kollha involuti.

25.3.3 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, qal kif għalkemm għadda dan is-seminar il-Kunsilli Lokali għadhom mingħajr kameras fuq it-trakkijiet u mingħajr *work plan.*

25.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri kif waqt dan is-seminar il-Kuntrattur qal li dawn ser ikunu għand ir-Reġjun u għand il-Kunsilli Lokali sat-tmiem Ottubru 2023 u spjegat kif din it-talba lill-kuntrattur ilha ssir b'mod regolari minn Jannar 2023 s'issa.

25.3.5 Tqajmet diskussjoni qasira dwar in-nuqqasijiet li qed ikun hemm minn naħa tal-kuntrattur rigward il-ġbir ta' l-iskart.

25.3.6 Is-Sur Chircop qal li dawn il-problemi diġa tressqu għand l-avukat sabiex ikun hemm direzzjoni ta' kif inhu l-aħjar mod li r-Reġjun għandu jipproċedi. Dan ser ikun ikkomunikat mal-Kunsilli Lokali hekk kif ir-Reġjun jingħata direzzjoni.

25.3.7 ***17:46pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu mill-kamra.***

25.3.8 ***17:48pm – Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.***

25.3.9 Is-Sur Chircop qal ukoll kif riċenti għadu kif ġie nfurmat li l-ġbir li jsir minn ċimiterji ser jibda jitħallas mill-Wasteserv u fakkar li l-ftehim bejn ir-Reġjuni w l-PROs għadu ma ġiex iffirmat peress li għad hemm xi issues li kienu ġew imqajma mill-PROs waqt laqgħa li kellha tkun biex jiġu ffirmati dawn il-kuntratti.

25.3.10 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, staqsiet dwar il-ġbir mil-iskart relatat miż-żabra tal-ġnien peress li huma ġew infurmati li dawn għandhom jinġabru mill-*bulky refuse*.

25.3.11 Il-President ħa nota dwar dan u ser ikunu qed jivverikaw eżatt u jgħatu direzzjoni.

- *Tnedija - Regional Treasure Hunt*

25.3.12 Il-President għamel referenza għat-tnedija ta' dan il-proġett li nżamm nhar il-Ġimgħa 6 t'Ottubru 2023 ġewwa l-Ġnien Ninu Cremona, fl-Iklin.

25.3.13 Il-membri preżenti faħħru din l-attività li nżammet u kemm ġiet milquha tajjeb mit-tfal u nies preżenti.

25.3.14 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħadd li għadda kien hemm Manoel Island miftuħa għall-pubbliku u r-Reġjun ingħata l-opportunità sabiex jgħamel mejda u kellu ċ-ċans jippromwovi dan il-proġett mal-familji li kien hemm preżenti.

25.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif il-materjal kollu relatat ma' dan il-proġett kien għadu kif tqassam u ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex iħeġġu nies mill-lokal sabiex jipparteċipaw.

25.3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif ir-Reġjun diġa avviċina l-iskejjel fi ħdan ir-Reġjun u ser ikun qed jipprovdi l-informazzjoni relatata sabiex aktar inkomplu nqajmu għarfien u interess lejn dan il-proġett.

- *Direttiva Numru 2/2023*

25.3.17 Il-President għamel referenza għal din id-direttiva li kienet ġiet maħruġa mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023.

25.3.18 Il-President spjega kif din ħolqot sitwazzjoni fi ħdan ir-Reġjun peress li meta r-Reġjun kien ingaġġa dawn il-Managers, dan ir-Reġjun dejjem mexa fuq l-istruzzjonijiet li kienu ppublikati mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

25.3.19 Is-Sur Chircop spjega kif ftit tax-xhur ilu, eżattament wara li kienet ġiet ingaġġata l-aħħar Maniger, li kienet il-Maniger tal-Kultura, din kienet ġibdet l-attenzjoni tiegħu kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li l-paga tagħha kienet aktar minn dik mgħotija minn dan ir-Reġjun. Dan irriżulta li mhux ir-Reġjuni kollha kienu qed jimxu mas-sejħiet u l-istruzzjonijiet li kienu ngħataw mid-Diviżjoni.

25.3.20 Is-Sur Chircop żied jgħid kif il-Manager tal-Kultura kienet infurmat lir-Reġjun bil-fomm kif ukoll bil-miktub li hi kienet lesta li tiffirma l-kuntratt ġaladarba l-paga tkun l-istess kif hi kienet qed tingħata mir-Reġjun preċedenti li kienet ingaġġata miegħu.

25.3.21 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif wara li dan ir-Reġjun ġibed l-attenzjoni dwar dan il-problema mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-istess diviżjoni ħarġet direttiva fejn dawn il-managers ma baqgħux fuq skema imma tat ordni li dawn għandhom jiġu fuq kuntratt indefenit u s-salarju jkun marbut ma' skala 7.

25.3.22 Is-Sur Chircop kif din id-deċiżjoni qed tiġi ikkontestata minn ħames Reġjuni flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal mod ta' kif din ġiet introdotta u ġiet tidher li qed tiġġustifa dawk ir-Reġjuni li kienu mixjin b'mod inkorett.

25.3.23 Is-Sur Chircop kompla spjega kif l-akbar problema hija li din ħolqot problema meta l-istess Managers ser ikunu qed jitpoġġew daqs is-Segretarji Eżekuttivi, b'mod speċjali daqs is-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni meta r-responsabilità mhux l-istess.

25.3.24 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, qalet kif dan ir-Reġjun ilu jirrimarka li dan mhux sew.

25.3.25 Is-Sur Chrcop żied jgħid ukoll kif f'kull intervista li dejjem saret għal kull pożizzjoni, b'mod speċjali għall-intervisti li nżammu għall-Managers, dejjem ġew spjegati l-kundizzjonijiet kif ukoll is-salarju abbinat ma' dan l-irwol.

25.3.26 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, qal kif is-salarju ta' dan il-Managers kienet li jiġu mħallsa permezz ta' skema u r-Reġjun jiġu rimborżati għal dawn is-salarji. Għal din ir-raġuni hu staqsa jekk is-salarju tagħhom hux ser jibda jinħareġ mill-allokazzjoni finanzjarja tar-Reġjun jew hux ser jibqgħu jiġu rifonduti lura.

25.3.27 is-Sur Chircop spjega li wara tliet snin, is-salarju kellu jibda jinħareġ mill-allokazzjoni finanzjarja.

25.3.28 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli irrimarka li s-Segretarji Eżekuttivi għandhom ikollhom żieda fil-paga.

25.3.29 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, qabel mas-Sur Pillow kif jekk dawn ser ikollhom dan is-salarju, is-salarju tas-Segretarji Eżekuttivi għandha tgħola wkoll u mhux jibqgħu bl-istess paga.

25.3.30 Il-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, staqsiet jekk is-Segretarji Eżekuttivi jistgħux jżieduhom skala oħra.

25.3.31 Il-President spjega kif is-Segretarji Eżekuttivi qedin f'diskussjoni mall-Union u qal kif il-ġurnata ta' qabel deher li qed ikun hemm qbil sabiex ikun hemm laqgħat mill-istakeholders ikkonċernati u safrattemp din id-direttiva ser tkun qed tiġi sospiża.

25.5.32 Is-Sa Maryanne Abela staqsiet jekk is-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali humiex daqs is-Segretarji Eżekuttivi li jinsabu fir-Reġjuni.

25.5.33 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif is-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali huma fuq skala 5, 6 jew 7, skond l-ammont ta' Kunsilliera fil-Kunsill Lokali, mentri s-Segretarji Eżekuttixi tar-Reġjuni huma fuq skala 7, daqs l-iżgħar Kunsill Lokali.

25.3.34 Is-Sa Helen Gauċi spjegat kif din ma tagħmilx sens lanqas peress li għalkemm Kunsill żgħir, hemm ftit impjegati u kemm-il darba spiċċa s-Segretarju Eżekuttiv *front office* flok l-impjegati klerikali fin-nuqqas tagħhom.

25.5.35 Il-President spjega kif hu jinsab inkwetat li din is-sitwazzjoni qed toħloq atmosfera ħażina fl-uffiċċju amministrattiv.

25.5.36 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, staqsa x'kienet ir-relazzjoni bejn din id-direttiva u dwar il-Maniġar tal-Kultura.

25.5.37 Il-President spjega l-istorja kollha b'mod kronoloġiku li kienet inqalet matul dawn l-aħħar tliet xhur u kien hemm diskussjoni fit-tul bejn il-membri preżenti.

25.5.38 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif bħala Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien ma' ħames Presidenti talbu sabiex id-direttiva tiġi sospiża sa kemm isiru laqgħat dwar dan is-suġġett u kif dan ir-Reġjun mhux ser ikun qed jatwa din id-direttiva.

## 25.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

25.3.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 25.4 Reġjun tal-Kultura 2024 – Direttur Artistiku u Logo

25.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar is-sejħa ta' Direttur Artistiku fejn dan ir-Reġjun kien irċieva total ta' 25-il applikazzjoni.

25.4.2 Hu żied jgħid kif il-bord kompost minnu, bħala Ċerman, flimkien mas-Sra Maryanne Cauchi u s-Sra Elaine Grech, kienu preżenti għal żewġ sessjonijiet ta' intervisti li kienu nżammu nhar it-Tlieta 17 u l-Ħamis 19 t'Ottubru 2023.

25.4.3 Is-Sur Chircop spjega kif għal dawn l-intervisti kien hemm preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Kultura, pero ma kellhom l-ebda vot. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop ressaq il-lista ta' l-ismijiet bil-punti li kienu ngħataw mill-bord.

25.4.4 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif il-bord kien qed jirrakomanda lis-Sur Daniel Cauchi bħala d-Direttur Artistiku għas-sena li r-Reġjun ser ikun Reġjun Kulturali 2024.

25.4.5 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

25.4.6 Il-President żied jgħid kif il-kompetizzjoni sabiex jiġi magħżul logo li ser ikun marbut ma' din l-istess tema.

25.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet turi d-diżinni li kienu ġew ippreżentata flimkien mad-deskrizzjoni li kien hemm abbinat ma' kull wieħed. Wara kull membru preżenti kien mitlub jgħati l-preferenza tiegħu.

25.4.8 Il-membri preżenti qablu li l-logo numru 3 kien il-logo preferut. Għal din ir-raġuni, l-artist Ryan Galea, ser ikun qed jiġi nfurmat b'din id-deċizjoni u jibdew isiru l-laqgħa mal-marketing sabiex ikun hemm pjan ħolistiku.

## 25.6 Rapporti

25.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa kien qed jiġi ppreżentat ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2023.

25.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea, infurmat lill-membri kif l-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante, ma setgħetx tkun preżenti għal din il-laqgħa. Madanakollu hi tat spjegazzjoni dwar ir-rapport li kien qed jiġi mressaq.

25.6.3 Is-Sa Galea spjegat kif €259,766 intefqu fuq Emolumenti Personali (minn baġit Annwali ta' €432,429). In-nefqa fuq il-ġbir ta' l-iskart kienet tammonta għal €1,929,806 u €742,198 fuq ir-rimi tal-iskart. Dawn l-ammonti jinġiebu f'bilanċ mid-dħul tal-kollezzjoni ta' l-iskart li jammonta għal €2,672,004 taħt Servizzi fil-Komunità.

25.6.4 Is-Sa Galea żiedet tgħid kif l-ammont ta' €252,013 ġie mħallas lill-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali fuq proġetti mal-Kunsilli Lokali. Filwaqt li €132,242 intefqu fuq spejjeż amministrattivi minn baġit Annwali Rivedut ta' €127,986. Il-flus kontanti totali fil-kontijiet bankarji jammontaw għal €1,770,964.

25.6.5 Is-Sa Galea kkonkludiet ir-rapport billi spjegat kif il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant għandu *working capital* ta' €894,104 li huwa 153% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Gvern.

25.6.6 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija, il-President talab l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport mill-membri preżenti.

25.6.7 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport.

## 25.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

25.7.1 Il-President informa lill-membri dwar is-sejħa ta' Projects Manager, fejn is-Segretarju Eżekuttiv kienet bdiet il-proċess sabiex tinħareġ is-sejħa internament mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Is-sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru u peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat sabiex jitkompla l-proċess.

25.7.2 B'referenza għal EU/Local Funds Manager, il-President informa lill-membri preżenti kif is-Sa Marija Vassallo kienet aċċettat din il-pożizzjoni u bdiet l-impjieg tagħha nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru 2023.

25.7.3 Is-Sur Chircop spjega kif s-Sa Vassallo diġa bagħtet talba sabiex ikun hemm laqgħa ta' introduzzjoni ma' kull Kunsill Lokali u għal din ir-raġuni, ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħamlu dan l-appuntament.

25.7.4 B'referenza ghall-pożizzjoni ta' IT Manager, is-Sur Chircop talab sabiex l-approvazzjoni sabiex din is-sejħa terġa tinħareġ esternament.

25.7.5 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- *Clerk fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant (Scale 15)*

25.7.6 Il-President informa lill-membri kif l-applikant magħżul, is-Sur Grima, aċċetta din il-pożizzjoni. Madanakollu ftit qabel ma beda dan l-impjieg, is-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata li ma kienx ser jaċċetta.

25.7.7 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif għal din ir-raġuni ġiet msejħa t-tieni preferenza. Peress li din leħqet sabet impjieg, ġiet infurmata it-tielet preferenza. Is-Sa Cassar aċċettat din il-pożizzjoni u bdiet l-impjieg nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023.

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann*

25.7.8 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa ġiet ippublikata esternament u ser tkun qed tagħlaq nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023. Għal din ir-raġuni talab sabiex il-membri jressqu l-interess tagħhom sabiex ikunu fuq il-bord ta' l-intervisti.

25.7.9 Il-membri preżenti approvaw sabiex il-bord ikun kompost mill-President, Anthony Chircop, flimkien mas-Sa Margaret Baldacchino Cefai u s-Sur John Pillow. Ġie deċiż ukoll sabiex is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, ikun fuq il-bord ġaladarba xi ħadd minn dawn il-membri magħżula ma jkunux jistgħu jkunu preżenti, hu jkun jistà jissositwixxi.

- *Part Time Office Cleaner (Scale 18)*

25.7.10 Il-President informa lill-membri kif is-Sur Dylan Cini kien infurmat bid-deċiżjoni meħuda u kif dan aċċetta din il-pożizzjoni.

25.7.11 Hu żied jgħid kif is-Sur Cini ser jibda l-impjieg tiegħu minn nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru 2023 u s'issa sejjer tajjeb.

## 25.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Kunsill Lokali tal-Għargħur*

25.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jitħalsu bozzoz li ġew aboslete u bilfors iridu jinbidlu; kif ukoll sabiex jitħallas ta' leasing ta van tal-Kunsill li qed joffri servizz għall-anzjani (€507.40/xahar); u biex jinxtraw 3 outdoor notice boards.

25.8.2 Din it-talba ġiet approvata mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' Pembroke*

25.8.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex bħala proġetti ta' titjib fil-lokalità l-Kunsill ikun jistà jkopri spejjeż ta' dawl ġdid bl-LED's f'numru ta' żoni fil-lokal, partikularment fil-parkeġġ ta' Triq Normandy, Misraħ il-Forti u fil-parkeġġ ta' Misraħ il-Forti. L-ispiża totali hija stmat li ser tlaħħaq għal ftit aktar minn €35,000.

25.8.4 Is-Sur Chircop żied jgħid kif b'referenza għall-iskema ta' xiri jew Kiri ta' tiżjin tal-milied, dan il-Kunsill talab sabiex japplika għall-massimu allokat u, bħal ma sar fis-snin li għaddew, isir tiżjin bid-dawl fi żmien il-Milied fi Triq Normandy, Triq Alamein, iż-żona magħrufa bħala ta' San Patrizju, parti minn Triq ANZAC u

madwar Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. L-ispiża hija stmata li ser tkun ftit aktar €5,000 (eskluż il-konsum).

25.8.5 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet.

- *Kunsill Lokali tal-Gżira*

25.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mressqa f'isem dan il-Kunsill sabiex taħt skema numru 3 jiġu mħalsa servizzi ta' perit li saru fl-2022 u li għadhom għaddejjin matul din is-sena jiġu rimburżati minn dawn il-fondi.

25.8.7 Il-membri preżenti approvaw li din it-talba għandha tiġi approvata ġaladarba l-Kunsill Lokali jispjega liema huma dawn il-proġetti li l-Kunsill Lokali qed jirreferi għalihom.

25.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti fid-data stipulata sabiex dawn jintbagħtu mill-Kunsilli Lokali sa mhux aktar minn nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 b'eċċezzjoni tal-kollaborazzjoni numru 4 fejn id-dokumenti għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2024.

25.8.9 Hi fakkret lill-membri kif l-ebda talba ta' rifużjoni mhu ser tiġi milquha wara d-data ta' l-għeluq.

- *Kalendarju għas-sena 2024*

25.8.10 Il-President informa lill-membri kif għat-tieni sena konsekuttiva dan ir-Reġjun qed jieħu ħsieb jipprepara kalendarju fejn fih ser ikun hemm l-informazzjoni dwar kif għandu jinħareġ l-iskart.

25.8.11 Is-Sur Chircop spjega kif f'dan il-kalendarju ser ikun hemm ukoll ritratt ta' persuni li qed jgħamlu tipi differenti ta' snajja' li jinsabu fil-lokalitajiet tagħna. Dan ser ikun qed jgħati promozzjoni dwar ir-Reġjun Kulturali 2024. Ghal dan il-għan qed jiġu ppreżentati kwotazzjonijiet għal servizz ta' fotografu sabiex jiġbed dawn ir-ritratti. L-orħos kwotazzjoni hija dik provduta mis-Sur Justin Mamo.

25.8.12 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

25.8.13 Il-membri preżenti rrimarkaw sabiex ma jiġix stampat volumm enormi minn dawn il-kalendarji.

- *Regional Sports Day 2023*

25.8.14 B'referenza għal dan l-avveniment, il-President spjega kif għal sena oħra kienet qed tiġi organizzata għat-tfal li qedin fl-iskejjel tal-primarja, fir-raba sena.

25.8.15 Is-Sur Chircop spjega kif sfortunatament hu ma kienx ser ikun preżenti minħabba xogħol barra minn Malta u talab lis-Sur Max Zammit sabiex ikun preżenti bħala l-Viċi President u jilqa lil Ministru u s-Segretarju Parlamentari waqt dan l-avveniment u ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex ikunu preżenti wkoll.

25.8.16 Is-Sur Chircop żied jgħid kif għal dan l-avveniment kienu qed jiġu ppreżentati kwotazzjonijiet neċessarji għal servizzi li kienu meħtieġa.

- Kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm sound – MST Audiovisual €531.00
- Kwotazzjonijiet sabiex jiġi provdut trasport mill-iskola għal Santa Venera u lura – Koptaco Coaches €815.00
- Kwotazzjonijiet sabiex isir filming – is-Sur Roberto Runza - €630.00
- Kwotazzjonijiet sabiex jiġu mqassma t-shirts lit-tfal – Tree64 Ltd. - €3,634.40
- Kwotazzjoni mingħand Mompalao sabiex jinxtraw draw string bags organic cotton - €1,236.00

25.8.17 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet preżentati.

- *Reġjun Kulturali 2024 – Marketing*

25.8.18 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex tiġi ngaġġata kumpanija tal-*marketing* matul is-sena kulturali Reġjonali 2024.

25.8.19 Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni provduta minn Impact Marketing.

- *Rapporti mill-Manigers*

25.8.20 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet rapporti mill-Maniġers Andrea Borg Brincat, Ryan Zammit u Marcon Borg Brincat. Dawn ir-rapporti kienu dwar il-perjodu minn Lulju 2023 sa Settembru 2023.

25.8.21 Ma kien hemm l-ebda kummenti mressqa mill-membri preżenti.

- *Uniformi*

25.8.22 Il-President ressaq kwotazzjoni mingħand Gammo sabiex jinxtraw l-uniformijiet lis-Sa Marthese Grech u lis-Sa Noelene Barbara.

25.8.23 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Avvenimenti b'risq Pink October u Movember 2023*

25.8.24 Il-President spjega d-dettalji dwar dawn l-avveniment li ser ikunu qed jinżammu fejn kull donazzjoni ser tmur b'risq il-Marigold Foundation.

- *SEA-EU Football Tournament*

25.8.25 Il-President fakkar lill-membri dwar dan it-tournament li qed jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali ta' l-Imsida b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant bħala parti mill-programm tal-European Region of Sports 2023.

25.8.26 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħinu biex jingħaqad tim ta' ħames persuni biex jieħdu sehem f'dan it-tournament u sabiex ikunu preżenti għas-serata fejn fiha ser jigu premjati t-timijiet rebbieħa kif ukoll jingħataw medalji ta' parteċipazzjoni.

25.8.27 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll lill-membri dwar iċ-ċerimonja ta' l-għeluq tat-titlu Reġjun Ewropew ta' l-Isports għas-sena 2023 li ser tkun qed tinżamm nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

25.9.2 Il-President ġibed l-attenzjoni dwar żewġ pagamenti – dak tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart u dak ta' Bubbles Animation.

25.9.3 B'referenza għall-pagament tal-kuntrattur, il-President spjega kif ghadha ma nħarġitx direzzjoni formalment peress li r-Reġjun għadu qed jistenna direzzjoni mingħand l-avukat, kif kien ġie spjegat fil-bidu ta' din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex il-pagament jiġi approvat bil-kundizzjoni l-pendenzi għadhom japplikaw.

25.9.4 Il-membri preżenti approvaw l-pagament tal-kuntrattur b'riserva, b'mod speċjali fejn jidħlu l-ilmenti relatati mill-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema.

25.9.5 B'Referenza għall-pagament ta' Bubbles Animation, is-Sur Chircop spjega kif r-Reġjun ma sabx wisq għajnuna dwar dan is-servizz u kif hu spjega kif dan ir-Reġjun mgħandux għax jerġa jitlob dan is-servizz għall-aħħar ftit xhur li baqa.

25.9.6 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 22A u 22B.

25.9.7 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

25.9.8 ***19:45pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 25.10 Mozzjonijiet

25.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 25.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Novembru, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |